**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 111/2014 CSH**

**Lighthouse Communications Ltd (C21425)**

**vs**

**Emmanuel Delicata Winemaker Limited (C28293)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' April 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u tletin ewro (€3,835) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lilha fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx.

Minkejja li gja giet interpellata sabiex thallas il-pendenzi taghha, inkluz bl-ittra bonarja datata 24 ta' Jannar 2014 (Dok A) hija baqghet inadempjenti.

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok. B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha kontriha. Qieghda tigi wkoll minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Emanuel Delicata Winemaker Limited (C-28293) li giet ipprezentata fit-2 ta' Mejju, 2014 fejn eccepiet:

1. *"Fl-ewwel lok, it-talba tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-ammont reklamat mhux dovut.*
2. *Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ftehim bejn il-partijiet kien illi s-socjeta' intimata kellha thallas biss fil-kaz illi l-ordnijiet gew ezegwiti minnha a bazi tal-abbozzi pprezentati lilha mis-socjeta' rikorrenti. Illi fil-fatt f'okkazjonijiet antecedenti gahc-cirkostanzi tal-vertenza in kwistjoni, is-socjeta' intimata kienet diga ezegwiet ordnijiet a bazi ta' abozzi ohra li gew accettati, liema ordnijiet gew debitament mhallsa, izda fil-kaz in kwistjoni s-socjeta' intimata ma ghazlitx li tezegwixxi l-ebda ordni fuq l-abbozzi li gew ipprezentati lilha mis-socjeta' rikorrenti u ghalhekk l-ammont pretiz m'huwiex dovut stante illi l-bejgh qatt ma gie pperfezzjonat u/jew ordnat.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata nhar is-17 ta' Settembru 2014 li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' **Roderick Muscat Monsigneur** mmarkat Dok LH-AFF1 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director fi hdan is-socjeta' Lighthouse Communications Ltd. Il-kumpanija tieghu bhala parti mil-Lighthouse Group ila li twaqqfet mill-

1997 u fost affarijiet ohra tipprovdi servizzi ta' communication consultancy u digital marketing flimkien mal-kreazzjoni ta' creative concepts u media campaigns lill-klijenti taghha. Ghalkemm huwa jirraprezenta l-kumpanija, hafna mi-xoghol tekniku jsir mill-haddiema li huma nies esperti u professjonisti specjalizzati fil-qasam taghhom.

Qal li ghalkemm fil-passat, lura fl-2006 kien twettaq xi xoghol lis-socjeta' konvenuta, ir-relazzjoni professjonali taghhom li bdiet fil-bidu tas-sena 2011 meta kienu avvicinawhom sabiex ikunu jistghu jaghtuhom servizzi ta' marketing consultancy u advertising sabiex ikunu jistghu jaghmlu kampanja ta' reklamar tal-prodotti u tal-brand taghhom.

Stqarr li fil-bidu tas-sena 2012 kellhom laqgha ma' xi dirigenti ta' Emanuel Delicata Winemaker Limited fosthom Bill Hermitage u Georges Meekers sabiex issir *marketing campaign* fir-rigward ta' erbgha prodotti tal-inbid partikulari taghhom, u cioe' ta' *Lachryma Vitis, Vigne d'Or, Green Label/Red Label* u l-*Classic Collection*. Wara xi diskussjonijiet gew kkummissjonati sabiex ihejju l-*marketing concepts* fir-rigward ta' dawn il-prodotti u kif ukoll sabiex jaghmlu *Digital Marketing Strategy* u *Detailed Media Planning* ghas-socjeta' konvenuta. Spjega li sabiex isiru l-*marketing concepts* ghall-*marketing campaign* jkun hemm process shih ta' diskussjonijiet u laqghat kemm bejn il-*marketing team* taghhom u l-klijent u kif ukoll laqghat interni bejniethom. Qabel xejn il-*marketing team* ikun irid jigbor kemm jista' informazzjoni fuq il-*brand* u fuq il-*market positioning* mehtiega mill-klijent. Imbaghad il-*marketing team* flimkien mal-*creative team* jahdmu bejniethom sabiex jizviluppaw il-kuncett li jixraq. Per ezempju f'kaz ta' kampanja pubblicitarja fuq it-televizjoni, jigu kkrejati diversi *story boards* u *scripts* apposta. Wara dan il-process, jigi mhejji *media plan* mahsub biex jolqot dawk is-setturi tas-suq (udjenza) li jixtieq jolqot il-klijent. F'dan l-istadju naturalment kollox ikun ghadu kuncett u l-

klijent imbaghad finalment jiddeciedi jekk jkomplix bl-esekuzzjoni tal-kuncett (li tista' anke ssir ghand terzi persuni u mhux bilfors minghandhom) jew le, u dan jiddependi minn diversi fatturi fosthom il-*budget constraints* li jista' jkollu l-klijent;

Kompla jghid illi peress illi l-process kollu sabiex jinholoq il-kuncett (*marketing concept*) huwa wiehed li jinvolvi xoghol estensiv, huma ghandhom *policy* li jekk il-klijent jiddeciedi li ma jkomplix bl-esekuzzjoni tal-*marketing concepts* kkrejati minnhom, huwa xorta jkun jrid jhallas ghas-servizzi li jkunu tawh sa dakinhar. Fil-kaz tas-socjeta' konvenuta, din il-*policy* kienet giet kkomunikata minnhom (tramite il-*Marketing Director* Karl Grech) lil Emanuel Delicata Winemaker Limited permezz ta' *e-mail* datata 10 ta' Jannar 2012 (Dok RMM1). L-istess *e-mail* kienet giet rikonoxxuta mill-istess socjeta' fil-11 ta' Jannar 2012 (Dok RMM2). Ghalkemm ma kienx hemm accettazzjoni specifika min-naha tal-klijent, huma ma kellhomx bzonn tali accettazzjoni galadarba serrhu rashom li l-klijent kien jaf bil-*policy* taghhom li wara kollox ghax-xoghol li jkunu ghamlu kellhom jithallsu. Fil-fatt ghall-klijent dawn kienu "*trivial matters*" u allura izjed komplew serhu rashom illi l-klijent ma kienx sejjer japprofitta ruhu minnhom.

Illi fir-rigward tad-*Digital Marketing Strategy* u *Detailed Media Planning* li gew kkummissjonati biex jaghmlu lis-socjeta' konvenuta, qal illi x-xoghol involut huwa dan li gej:

- *Digital Marketing Strategy* tirrigwarda kif ghandhom jigu *marketed* il-prodotti tal-klijent b'mod digitali bhal perezempju bl-uzu ta' *social networks, search-engine optimizations,* etc. Din it-tip ta' strategija tinvolvi xoghol konsiderevoli pero' huwa servizz li jintalab hafna mill-

kumpanija taghhom peress illi biz-zmien qed jizdied l-gharfien tal-beneficcji li toffri l-*media* digitali fejn jidhol *marketing*;

- *Detailed Media Planning* tirrigwarda diskussjonijiet bejn is-socjeta' attrici u diversi kumpaniji tal-media lokali sabiex jigu ppjanati *media spots* u *airtime* ghall-kampanja pubblicitarja. Naturalment f'kaz illi jsiru *bookings* ma' xi *media houses,* dawn jinvolvu numru ta' spejjez li ma jigux irkuprati f'kaz li l-klijent jiddeciedi li jikkancella kollox minghajr preavviz.

Fl-affidavit tieghu Roderick Muscat qal l-*credit terms* offruti lis-socjeta' konvenuta kienu dawk ta' disghin (90) gurnata u li x-xoghol li kellu jsir min-naha taghhom hafna minnu sar u s-servizzi li taw kienu ghas-sodisfazzjon tad-dirigenti tas-socjeta' konvenuta. Madanakollu l-klijent beda jaqa' lura fuq il-kont tieghu tant illi f'Jannar 2013 kellhom nfurmawhom illi sabiex ikomplu bir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom, is-socjeta' konvenuta kellha tinfurmhom kif ser jippjanaw sabiex ihallsu l-ammont pendenti ta' tmintax-il elf ewro (€18,000). Saru xi laqghat bejniethom u kien hemm skambju ta' korrespondenza (tramite Karl Grech u Eleazer Borg) bejn is-socjetajiet. Eventwalment huma ghamlu numru ta' hlasijiet pero' baqghu ma' hallsux l-ammonti segwenti:

- Inv. No. 5226 (29 Feb 2012): originalment €1,770 (inkluz il-VAT) pero' thallas biss nofs l-ammont (fir-rigward tal-prodott *Lachryma Vitis*) u baqa pendenti l-ammont ta' €885 (inkluz il-VAT) fir-rigward tal-*briefing, research, origination, visuals, presentation and development of 2012 campaign concept for Green Label (Dok RMM3).*

- Inv. No. 5703 (30 Apr 2012): €885 (inkluz il-VAT) fir-rigward tal-*briefing, research, origination, visuals, presentation and development of 2012 campaign concept for Vigne d'Or(Dok RMM4).*

- Inv. No. 5704 (30 Apr 2012): €885 (inkluz il-VAT) fir-rigward tal-*briefing, research, origination, visuals, presentation and development of 2012 campaign concept for Classic Collection* u *Concert Competition Promotion & Campaign (Dok RMM5).*

- Inv. No. 5705 (30 Apr 2012): €885 (inkluz il-VAT) fir-rigward tad-*Digital Media Strategy* u *Detailed Media Planning(Dok RMM6).*

Qal li fir-rigward ta' Inv. No. 5705, l-ammont mitlub minnhom kien originalment somma ikbar pero' wara li l-klijent iddecieda li jikkancella kollox fl-ahhar nett tal-process permezz tat-telefon huma kienu naqsu l-ammont biex ikopru l-ispejjez taghhom. Fir-rigward tal-*invoices* l-ohra, qal li l-klijent ma' riedx ihallas peress illi l-kampanja pubblicitarja baqghet ma' saritx. Fi kliem iehor tenna li l-klijent pretenda li ma' jhallas xejn ghas-servizzi taghhom sabiex jigu zviluppati l-*marketing concepts* peress li dawn ma ntuzawx ghall-kampanji li kienu ntizi ghalihom.

Ikkonkluda l-affidavit tieghu billi jghid li madankollu x-xoghol rikjest minnhom effettivament kien sar u kien anke gie mghoddi lill-klijent taghhom. Huwa jhoss li r-risposta tas-socjeta' kovnenuta m'hija xejn hlief tentattiv sabiex jigi ffrankat kont u b'hekk jkunu ottjenew servizz b'xejn u jkunu akkwistaw ukoll xoghol li jista' jintuza izjed 'l quddiem.

Rat l-affidavit ta' **Eleazer Borg** immarkat bhala Dok LH-AFF2 esebit fl-atti a fol. 22 tal process fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *Financial Controller* fi hdan is-socjeta' attrici. Iddikjara li huwa qara l-affidavit ta'

Roderick Muscat Monsigneur u filwaqt li kkonferma il-kontenut tieghu zied ukoll illi hu(flimkien ma' Karl Grech) kien involut fit-tahditiet li kellhom mas-socjeta' konvenuta u kien huwa stess li bghat diversi *e-mails* lid-dirigenti taghhom fosthom Mario Delicata u V.George Delicata sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni ghall-pendenzi taghhom. Fi stadju minnhom kienu anke lesti li johorgu *credit note* fir-rigward ta' Invoice No. 5703 peress illi huma ma kienux qablu mal-kuncetti li kienu halqulhom fir-rigward tal-*Vigne d'Or* (ghalkemm dan ma kienx tort taghhom u lanqas ma kien jikkonsisti f'xoghol difettuz) sakemm jhallsu l-bqija tal-pendenzi sal-ahhar ta' Jannar 2013. Madanakollu huma hallew pendenti fuq il-kont taghhom is-somma totali ta' €3,835 inkluz il-VAT. Mal-affidavit esebixxa kopja ta' din il-korrespondenza mmarkata bhala Dok EB1.

**Roderick Muscat Monsigneur** xehed fid-19 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huma kienu nkarigati sabiex jaghmlu *creative concept* u *media campaigns* ghas-socjeta' konvenuta. Naturalment dana jinvolvi sabiex nies minn naha tal-*marketing* u nies minn naha tal-*creating* jistudjaw il-prodott li l-klijent jixtieq jimmarketja fis-suq u naturalment wara diversi *brainstorming sessions* jinhargu l-kuncetti biex jigu pprezentati lill-klijent. Huwa spjega illi bhala arrangament huma mas-socjeta' konvenuta kienu ftehmu illi jinformawhom dwar il-kuncetti li kellhom isiru qabel il-kampanja u li l-hlas kellu jigi affettwat qabel il-kampanja. Naturalment il-hlas kellu jsir ukoll ghall-kuncetti. Jigifieri jsiru diversi *trial and errors* sakemm jaslu ghal kampanja. Huwa tenna li l-klijent ikun tahom il-*brief* u skond il-*brief* moghti lilhom johorgu l-kampanja. Ghalhekk ippretenda li l-impjegati tieghu jithallsu tal-hinijiet u sighat twal li jkunu ghamlu sabiex waslu ghall-progett.

Huwa ddikjara li tletin fil-mija tax-xoghol isir qabel l-ezekuzzjoni kemm jekk ix-xoghol isir b'kampanja digitali, kemm awdjovizwali kif ukoll jekk

isir *print* u qal li f'dan il-kaz huma kienu wrejhom ix-xoghol li kien ser isir qabel ma beda x-xoghol u wara huma ppretendew li jithallsu ta' kollox. Huwa sostna li fl-ahhar mumenti l-klijent iddecieda li ma jmurx ghall-kampanja.

**Roderick Muscat Monsigneur** xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 (fol. 69) u kkonferma dak li kien qal fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Novembru 2014 u cioe' li bhala arrangement mas-socjeta' konvenuta, huma kienu ftehmu li nfurmawhom dwar il-kuncetti li kellhom isiru qabel il-kampanja u li l-hlas kellu effettivament jigi affettwat ukoll qabel il-kampanja. Naturalment una volta titlob is-servizz minghand kumanija thallas ghaliha. Qal li dak li kien qed jirreferi ghalih hija email li kienet intbghatet minghand Paul Grech lil Emanuel Delicata fejn hemm indikat il-policy taghhom. Mistoqsi jekk kienx hemm accettazzjoni qal illi per se ma kienx hemm pero' qal li ghas-Sur Emanuel Delicata din il-kwistjoni kienet wahda trivjali – ejja nkomplu bix-xoghol. Pero' l-kawza mhix bazata biss fuq dik l-email. Qal illi ghalih hija kwistjoni li una volta accettaw is-servizz tqaghhom, kellhom ihallsu ghalih. Qal illi l-mument li huma brifjawhom u nfurmawhom x'tip ta' kuncetti jridu ghal kampanja taghhom tfisser li huma kienu qed jitolbu s-servizz taghhom. Ghas-socjeta' attrici una volta ghamlu l-meetings taghhom u hargu r-rapporti u l-kuncetti, dak huwa servizz. Huwa jaf li kien hemm diskussjonijiet bejniethom. Huwa fehem illi kien hemm accettazzjoni implicita. Mistoqsi meta huma pprezentaw l-erba' proposals taghhom wiegeb li ma jiftakarx. B'referenza ghad-Dok X datat 2 ta' Frar 2012 qal li anness ma' dan id-dokument ma rax graphic proposals. Huwa biss ir-rationale u l-brief li nghatat minghand il-klijent. Dawn m'humiex il-final proposal. Mistoqsi jekk effettivament il-proposals humiex ghandu qal li jista' jottjeni kopja.

**Roderick Muscat Monsigneur** rega' xehed in kontro-ezami fit-30 ta' Settembru, 2015 fejn qal li llum-il gurnata l-kumpanija taghhom ghalqet.

Sostna li huwa ghamel tfittxija fil-*hard disks* kollha taghhom sabiex igib kopja tal-*final proposals*, pero’ stqarr li s’issa ghadu ma sabhomx. Zied jghid li llum-il gurnata Lighthouse Communications Limited m’ghadhiex topera ghalkemm bhala kumpanija ghadha tezisti. Gie muri dokument ezebit fl-atti a fol 54 u spjega li skont dan id-dokument jidher li sat-2 ta’ Frar tas-sena 2012 kienu gia gew prezentati l-*proposals* taghhom. Qal illi bhala haga normali fl-ittra hemm imsemmi li hadu in konsiderazzjoni l-*briefs* li kienu nghataw. Qal ukoll li naturalment l-espert tal-progett huwa l-klijent, filwaqt li huma l-esperti tal-*market*. Ghalhekk stqarr li huwa minnu li huma ssuggerew li l-idejat taghhom kienu se jigu accettati b’mod favorevoli li hija *standard* procedura taghhom. B’referenza ghall-ahhar pagna ta’ dan l-istess dokument spjega li meta qalu li kienu anzjuzi biex jibdew jahdmu fuq dan il-progett, naturalment ix-xoghol li qed jitkellmu fuqu jkun diga’ sar. Spjega wkoll li kienu waslu fl-istadju tal-ezekuzzjoni f’dan il-ftehim, u li ghalhekk kienu diga’ ftehmu. Zied li f’din l-ittra m’hemmx *quotation* ghal *concept*, izda hemm biss *quotation* ghal produzzjoni una volta l-ftehim jigi milqugh.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta prezentata fl-atti nhar l-4 ta Frar 2015 li permezzz taghha esebixxa numru ta’ ittri markati bhala Dok A (fol. 39). Minn ezami tal-email datata 22 ta’ Jannar 2013 jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet qed taghmel xi suggeriment ta’ kif ghandha taghmel il-pagament dovut, u permezz ta’ email datata 18 ta’ Frar 2013 is-socjeta’ attrici kienet accettat il-modalita’ salv li s-socjeta’ konvenuta kellha tobbliga ruhha bi zmien ghall-hlas li kienet ser tghamel. Cio’ nonostante u cioe’ ir-reminders li s-socjeta’ attrici baghtet lis-socjeta’ konvenuta jidher li il-hlas effettiv ma sarx.

**Karl Joseph Grech** xehed fl-4 ta’ Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa kien jahdem mas-socjeta’ attrici bejn il-perjodu tal-elfejn u sebgha u l-elfejn u

tlettax u dan fil-kapacita' ta' *marketing director*. Ix-xhud saritlu referenza ghal dokument immarkat bhala Dokument RMM1 li hu esebit fl-atti a fol 16 li huwa email datat 10 ta' Jannar 2012 mibghuta minnu lil George Delicata. Huwa jghid illi mill-memorja tieghu fil-fatt mhux tlieta kienu l-prodotti izda erbgha. Fil-fatt huma kienu diga' qeghdin jiddiskutu xi xoghol mas-Sur Delicata qabel ma effettivament intbaghtet din l-email. Peress li kienu qed isiru dawn il-laqghat sabiex jitkellmu dwar ricerka u *business development* biex jaraw fejn jistghu jahdmu mal-klijent u l-*policy* tal-kumpanija kienet tali li jiccargjaw tal-hin tal-konsulenza mal-klijent, ir-referenza li huwa ta f'din l-ittra sabiex ikunu lesti *to wave their policy* kienet qed tirreferi ghall-fatt illi kienu ghamlu serje ta' laqghat bonarji u *gratis* sabiex jistabilixxu l-*creative concepts* tal-klijent.

Saritlu referenza ghad-dokument RMM2 a fol 17 kif ukoll ghall- ittra li giet mibghuta lilu minn George Delicata. Din hija datata l-ghada 11 ta' Jannar 2012. Huwa spjega li s-sitwazzjoni tal-*business development* huwa tali li l-process m'huwiex *cut and drive*. Wiehed irid jitkellem u jiddiskuti mal-klijent, jevalwa l-bzonnijiet tal-klijent u jipprova jlaqqa' l-bzonnijiet tal-klijent mas-servizzi li s-socjeta' li kien jahdem ghaliha tipprovdi. Huma kellhom *policy* daqsxejn stretta fejn generalment meta kienu jaghmlu *approach* lill-klijent gdid li m'huwiex diga' fuq il-kotba tal-kumpanija bhala klijent stabbilit (minhabba drawwa li kien hawn li l-*advertising agency* jaghmel hafna xoghol u mbaghad jispiccaw ma jithallsux), huma kellhom din il-*policy* illi jiccargjaw il-hin li jqattghu mal-klijent bhala konsulenza. F'dan il-kaz partikolari jiftakar illi fuq perjodu ta' xhur saru diversi laqghat sabiex jesploraw possibilta' fejn jistghu jahdmu flimkien liema laqghat di solitu kienu jigu ccargjati pero' f'dan il-kaz ma gewx iccargjati u dan bhala sinjal ta' *goodwill gesture* u dan ghax huma kellhom interess li jibdew jahdmu ma' dan il-klijent. Mill-informazzjoni li tahom il-

klijent deher car illi huwa tahom informazzjoni li xtaq jizviluppa l-kampanja ghal erba' kuncetti, erba' prodotti.

Huwa jiftakar illi kien spjega lis-Sur George Delicata li kien prezenti waqt il-laqgha li una volta jigu *commissioned* biex jaghmlu x-xoghol jaghtuh stima tax-xoghol u jiftehmu kemm kienu ha jithallsu. Mistoqsi x'tip ta' relazzjoni kellhom diga ma' Delicata jghid li kienu ghamlu ftit xoghol *ad hoc* fis-sens li kien qisu perjodu ta' gherusija sabiex huma jipprovaw il-kapacitajiet taghhom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi arrangament fis-sens illi kellu jaghmel xi hlas anke jekk il-*proposal* ma tigix accettata minnu jghid illi fir-rigward ta' dawn l-erba' kampanji specifici kienu ghamluha cara li sabiex jirricerkaw, jizviluppaw u jipprezentaw l-erba' kuncetti li huma diversi bejniethom u dan ghax il-prodott huwa differenti, it-*target audience* kien differenti kienu se jirrekjedu certu perjodu ta' zmien, certu numru ta' sighat li kellu jsir u ta' dan ix-xoghol huma kienu qeghdin jippretendu li se jithallsu u dana kien kollu miktub fi ftehim *ad hoc* u dan il-ftehim kien proprju ghal dawn l-erba' kuncetti specifici. Il-ftehim ma jidhirx ezebit f'dawn l-atti.

Huwa tenna li wara li effettivament kien sar ix-xoghol u pprezentawlu l-kontijiet jaf li l-klijent kien qalilhom li huwa ma kienx lest li jhallas ghal affarijiet li ma kienx ser jaghmel uzu minnhom. Huwa ghamel referenza ghall-email datata 10 ta' Jannar 2012 esebita fl-atti a fol 16 fejn hemm miktub illi s-socjeta' attrici kienet qed tirriserva d-dritt li tithallas is-somma ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) ghal kull kuncett kif effettivament kien diga' gie miftiehem.

Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dokument A. Ix-xhud saritlu referenza proprju ghall-email mibghuta minn Lisa Borg lil Mario Delicata datata 22 ta' Jannar 2013. Mistoqsi jispjega x'riedet tfisser

is-socjeta' attrici meta qalet li kienet lesta li tohrog *credit note* fl-ammont ta' seba' mija u hamsin *excluding VAT* fuq il-prodott Vigne D'Or peress illi s-socjeta' konvenuta ma accettatx il-*proposals* taghhom, qal illi meta wiehed jipprova jikkreja l-komunikazzjoni ghal prodott jew servizz hemm process abbastanza twil u qal li huma kienu qeghdin jahdmu erba' kuncetti separati li kienu gew prioritizzati mill-klijent. Dan minhabba raguni ta' suq u produzzjoni u jekk mhux sejjer zball tnejn minnhom gew zviluppati u gew kompletati, wiehed minnhom kien ghadu fil-process u r-raba' wiehed kien hemm tibdil fil-*brief* tieghu almenu f'zewg okkazjonijiet u dawn ghal ragunijiet differenti u wiehed minnhom kien dan ta' Vigne D'Or li spicca *shelved* u meta nqalghat din il-kwistjoni mal-klijent, ix-xhud kien iddiskuta din il-kwistjoni mas-CEO taghhom u kien tah il-parir bhala *goodwill gesture*, u dan sabiex ikomplu jsahhu r-relazzjoni mal-klijent, li kellhom jaghtu *credit note* fuq kuncett li hassew forsi li l-klijent ma kienx kuntent bih u dan fil-konfront ta' wiehed minnhom biss.

Jghid li jekk l-*invoice number* 5703 qed jirreferi ghall-prodott Vigne D'Or u l-invoice mhux qieghda quddiemu jghid li iva r-referenza kienet saret ghalih cioe' illi s-socjeta' attrici kienet se taghmel kreditu favur is-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' €750.

Ix-xhud jaqbel ukoll mal-punt numru sebgha fejn saret referenza ghall-invoice number 5705 li tirreferi ghal Green Label *range of wines* liema effettivament invoice kienet tigi *credited in full* lis-socjeta' konvenuta. Huwa spjega li fir-rigward tal-Green Label kienu ghamlu numru ta' xoghlijiet *over and above* l-kuncett li jeccedi s-sebgha mija u hamsin ewro (€750) u s-socjeta' attrici kienet qed tippretendi li tithallas ghax-xoghol li ghamlet liema xoghol kien gie mitlub mill-klijent. Mistoqsi ghaliex effettivament Pierre Musu' kien baghat illi dan l-ammont kellu jigi *credited*

*in full* qal li ma jafx u dan ghax sa fejn jiftakar ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan ir-rigward.

**Vincent George Delicata** xehed nhar id-29 ta' April 2015 u qal li jokkupa l-kariga' ta' *managing director* tas-socjeta' konvenuta u socjeta' attrici kienet ilha zmien tittantahom biex huma jibdew jahdmu maghhom. Darba minn fost l-ohrajn huwa kien stieden lill-*managing director* taghhom Mr Monsigneur. Sussegwentement kien laqqa' n-nies taghhom mad-dirigenti tas-socjeta' attrici u bdew jahdmu flimkien. Ix-xhud qal li mhux minnu dak li gie allegat lilu mis-socjeta' attrici li huma kienu accettaw li jhallsu *proposals* anke jekk ma jkomplux bix-xoghol u qal li f'hamsa u erbghin sena x-xhud qatt ma ltaqa' ma' *policy* bhal dik ma' diversi kumpaniji ta' agenziji. Ix-xhud kompla jghid li huma qatt ma tkellmu mas-socjeta' attrici dwar il-kwistjoni jekk huma jiehdu l-*proposals* minn ghandhom, ma jiehdux ix-xoghol u huma jhallsu xorta pero' jiftakar li darba minnhom Karl Grech kien cempillu u qallu li jrid jaghmel appuntament mieghu. Naturalment stiednu biex imur u pprezentalu *invoice* fejn talbu jhallas ix-xoghol li kien ghamel u dakinhar kien qallu li dawn l-affarijiet huma qatt m'accettawhom u ghalhekk ma kienx lest li jhallas u ma hallashomx u filfatt kien accetta' li ma jithallasx ta' dik il-parti xoghol partikolari. Kieku huma kellhom effettivament ihallsu tal-*proposals* li ma jaccettawx huma zgur li ma kienux jahdmu mas-socjeta' attrici. Ix-xhud stqarr li effettivament ix-xoghol tieghu ghandhom hafna *brands* u kien hemm xi *proposal* li accettaw. Fil-fatt, huma kienu hadmu maghhom b'kuntratt ta' sebgha u tletin elf ewro u dak l-ammont huma hallsuh.

Ix-xhud gie muri *email* Dok RMM2 a fol 17 tal-process li hija *email* mibghuta minnu b'risposta ghall-*email* li kien ircieva lejliet minghand Karl Grech. Ix-xhud stqarr li fil-fatt xtaq isserhilhom mohhom illi hu ma kienx qed imur ghand haddiehor biex jikkompeti maghhom u kien bi hsiebu li

jaghti xoghol lilhom biss. Filfatt l-*email* li kienet giet mibghuta lilu minn Karl Grech qatt ma giet accettata minnu u jekk is-socjeta' attrici riedet izzomm mal-*policy* taghha ma messiex resqet aktar hdejhom ghaliex huma kienu diga' spjegalhom is-sitwazzjoni taghhom. Qal illi in segwitu li kien cemplilhom biex ikkomplu bix-xoghol jaf li Karl ma regghax mar ghandhom. Huma fil-fatt qatt ma jieqfu mix-xoghol, huma dejjem ghaddejin.

Ix-xhud esebixxa dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z u qal li filfatt dan huwa wiehed mill-*proposals* li effettivament kienet saret mis-socjeta' attrici liema proposal ma kienitx giet accettata. Fil-fatt ix-xhud qal illi dana ma kienx *proposal* izda diskussjoni li bdew fuqu. L-intenzjoni taghhom kienet li huma jahdmu mas-socjeta' attrici u ghalhekk kienu bghatulhom dik l-email datata 11 ta' Jannar 2012 a fol 17 biex juruhom l-intenzjoni serja li kellhom dak iz-zmien. Ix-xhud stqarr illi d-Dokument X li kien esebixxa li huwa datat 2 ta' Frar, 2012 jindika li effettivament is-socjeta' attrici kienet qaltilhom "*we trust our ideas will be favourably accepted. I look forward to reach an agreement on the way forward and start working on this project launch in the summer months*". Din l-ittra fil-fatt hija datata wara l-*email* li x-xhud ghamel referenza ghaliha aktar kmieni. Filfatt anki fil-*conclusion* ta' dan id-dokument li kien *proposal* anness mal-ittra tat-2 ta' Frar, 2012 hemm indikat minnhom "*we look forward to our feedback and once an agreement is reached we are eager to commence work on this project.*" Meta x-xhud fl-*email* tieghu tal-11 ta' Jannar, 2012 kien qal lis-Sur Grech li l-affarijiet kienu trivjali u li din il-kwistjoni kienu gia tkellmu dwarha u fis-sens illi Karl Grech kien mar ghandhom b'*invoice*, kien talabhom hlas u qalulu li ma kienx lest li jhallsuh. Ix-xhud qal li effettivament huma kienu pprogettaw l-ideat taghhom maghhom u jekk ma qablux maghhom setghu rtiraw.

Ix-xhud kompla jghid li qatt ma qabel li kellu jezigi din il-*policy* li huma jhallsu ghall-*proposals* li ma jiehdux. Mistoqsi x'xoghol kien involut sabiex il-*light house* taghmel id-dokument taghha Z wiegeb illi le ma jkunx jaf u dak mhux xoghlu. Huwa fehem illi d-Dokument Z kien propost biex ihajjarhom biex huma jiehdu x-xoghol minn ghandhom biex jibqghu jitkellmu biex jaslu ghall-konkluzjoni. M'huwiex minnu illi tletin fil-mija tax-xoghol ikun skont Dokument Z.

Ix-xhud tenna li meta gie pprezentat il-*brochure* Dok. Z kien ghadhom fl-ewwel *meeting,* fis-sens li dik id-diskussjoni kienet ghadha fil-bidu taghha. Jista' jkun li kien hemm *briefing* tas-socjeta' taghhom qabel ma waslu ghal dan il-*brochure*. Mistoqsi x'ghamel bih dan il-*brochure* qal illi ghadu ghandu u ezebih l-Qorti u s'issa ghadu m'ghamel xejn bih.

**Mario Delicata** prodott mis-socjeta' konvenuta xehed fil-21 ta' Ottubru, 2015 fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta' direttur tal-istess socjeta' u qal li jiftakar li kienet is-socjeta' attrici li kienet avvicinathom u hekk bdew jikkomunikaw bejniethom u sahansitra kienu marru ghandhom fejn saritilhom *presentation*. Sussegwentement iddecidew li jaghzlu *brand* partikolari u jaghmlu kampanja fuqu. Isostni li kemm damu jahdmu maghhom, hallsuhom aktar minn hamsa w tletin elf Ewro (€35,000). Qal li darba, meta kienu ilhom jahdmu flimkien xi ftit xhur, kien mar il-*winery* taghhom Karl Grech, li kienet il-persuna li kienu jinnegozjaw mieghu, biex ikellihom dwar *invoice* rigwardanti l-kampanja li kienu ghamlu. Prezenti kienu hu, missieru Vincent George Delicata u naturalment Karl Grech. Qal li dakinhar kienu ghamluhielu cara li ma kienux se jhallsu ta' *proposals*. Sostna li huma qatt ma hallsu w li hemm agenzija, w inoltre zied li Grech qatt ma kien qalilhom li kienu se jigu ccargjati ta' *proposals*. Anzi, qal, Grech kien qalilhom li kien se jivverifika mal-imghallem tieghu. Izda huma

kategorikament infurmawh li ma kienux lesti li jhallsu ghall-*proposals* u nsista li kienu huma li taw l-*ultimatum*.

In kontro-ezami zied jispjega li meta jghid li taw l-'*ultimatum*' ifisser li ghamluha cara li qatt ma kienu se jhallsu tal-*proposals*. Qal ukoll li dan id-diskors sar wara li kienu rcevew il-kont ghaliex qabel ma kienux avzati bihom.

Meta x-xhud gie muri xi emails li gew esebiti mal-affidavit ta' Roderick Muscat Monsigneur inseriti fl-atti, partikolarment dik a fol. 16, qal li x'aktarx kien irceviha la ismu jinsab imnizzel fuqha, pero' zied jghid li hu ma kienx wegibha pero' jaf li fiha kien hemm miktub li Muscat xtaq jithallas ta' xoghlu.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi negozjati sussegwenti ghal din l-email, wiegeb li ma jafx, u filwaqt li qal li ma jaqbilx mieghu cahad dak suggerit lilu li wara dawn il-proposals kienet saret presentation. Spjega li l-partijiet kienu jiltaqghu madwar mejda, u l-atturi kienu jtuhom erba' folji bil-*proposals* li kienu speci ta' *marketing* kif kellhom jidhru l-prodotti taghhom fuq is-suq. Qal li fost dawn il-karti kien hemm ukoll xi ritratti tal-prodotti taghhom, cioe' ta' kif kellhom jigu reklamati fuq il-*media*. Imbaghad spjega li meta Karl Grech kien mar itihom l-ewwel *invoice*, jew dawk tal-bidu, kien hemm *charge* fuq il-*proposals* u allura huma nfurmawh li ma kienux lesti li jhallsu taghhom. Skond hu wara ma kienux regghu ddiskutew dan il-punt.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2015 il-Qorti tat lis-socjeta' attrici zmien sal-25 ta' Novembru 2015 u lis-socjeta' konvenuta sat-30 ta' Dicembru 2015 sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi s-socjeta’ attrici pprezentat in-nota taghha fl-4 ta’ Dicembru 2015.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta’ konvenuta pprezentata seduta stante nhar l-1 ta’ Marzu, 2016.

Rat illi fis-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2016 il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi in breve f’din il-kawza is-socjeta’ attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallsha dik is-somma imsemmija fir-rikos promotur u cioe’ is-somma ta’ tlett elef, tmien mija u hamsa u tletin ewro (€3,835) rapprezentanti din is-somma bilanc ta’ prezz ta’ servizzi rezi lilha fuq ordnijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta liema hlas ghadu ma sarx. Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet li s-somma mitluba mhux dovuta u dan ghaliex fil-fehma taghha hija kellha thallas biss una volta l-ordnijiet maghmula minnha jigu esegwiti u dan wara li l-abbozzi li kellha tipprezenta is-socjeta’ konvenuta jigu accettati minnha.

Il-partijiet resqu l-provi taghhom u minn ezami tal-istess jirrizulta is-segwenti Roderick Muscat Monsigner xehed u spjega li s-socjeta’ attrici tipprovdi servizz ta’ communication consultancy u digital marketing u dan billi tikkreja kuncetti li ser jintuzaw f’medja campaigns. Qal li s-socjeta’ konvenuta kienet talbet lis-socjeta’ attrici sabiex tghamlilha xi xoghol ta’ marketing consultancy u advertising u dan billi tipprovdi xi reklamar ghal xi prodotti taghhom. Ghalhekk kienet inzammet laqgha bejn rapprezentanti taz-zewg kumpaniji u ttiehdet decizjoni li s-socjeta’ attrici kellha tipprovdi marketing campaign ghall-erba’ prodotti ta’ inbejjed tas-socjeta’ konvenuta fosthom Lachryma Vitis, Vigne D’Or, Green Label/Red label u l-Classic

Collection. Ghalhekk is-socjeta' attrici giet mitluba sabiex thejji din il-marketing campaign billi tipprovdi xi kuncetti ta' Digital Marketing Strategy u detailed Media Planning. Spjega kemm jiehdu hin sabiex jipprovdu dan is-servizz u li l-haddiema jaghmlu sieghat twal jahdmu fuq il-kuncett sabiex jissodisfaw ix-xewqa tal-klijent, f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk is-socjeta' attrici gabret l-informazzjoni kollha rikjesta minghand is-socjeta' konvenuta biex thejji l-media plan u wara s-socjeta' konvenuta tara jekk hix ser tkompli biex tesegwixxi l-kuncett.

Dan ix-xhud spjega fix-xhieda tieghu u din hija l-pern tal-kwistjoni kollha li jekk l-klijent ma jkomplix bl-ordni, is-socjeta' attrici xorta tesigi tithallas ta' dak li tkun ghamlet sa dakinhar li titwaqqaf mill-inkarigu moghti lilha. Jghid li in effetti l-Marketing Manager tas-socjeta' attrici u cioe' Karl Grech kien baghat e-mail li tinsab esebita fil-process datata 10 ta' Jannar 2012 immarkata bhal Dok RMM1 fejn hemm imnizzel b'mod car "*purely as a safe guard, should you decide not to implement any of the concepts developed for you, LH+A reserves the right to charge a professional fee of €750 per concept for research, development and presentations of each one of the four campaign concepts commissioned to us. I trust you will have no problem agreeing to our policy which we have hitherto chosen to waive. I would appreciate your kind acknowledgement by email.*" (fol 16). M'hemmx dubbju li din l-email giet mibghuta lil Vincent George Delicata u Mario Delicata ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kif ukoll lilu.

Minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita fl-atti a fol. 17 jidher li din l-email giet imwiegba mis-socjeta' konvenuta tramite V. George Delicata li ghalkemm ma jaghmel l-ebda accenn ghall-kontenut ta' din l-email mibghuta lilu ghar rigward tal-konferma tal-kontenut, jghid is-segwenti "I*f I were you, I would not be concerned with trivial mattrs. What I would be concerned with is to come up with concepts and ideas that would 'wow' me*

*and my customers. Then we would certainly make progress and run with the ideas'.*

Konsegwentement ghalhekk is-socjeta' konvenuta b'mod tacitu accettat dak li s-socjeta' attrici kienet qed titlob fir-rigward tax-xoghol taghha u kienet qed tistenna biss li s-socjeta' attrici tibda bl-inkarigu taghhom sabiex '*they run with the ideas'*. B'din l-email is-socjeta' konvenuta kienet qed tghati l-vires sabiex l-obbligazzjoni li kienu ftehmu dwarha l-partijiet titwettaq.

Jidher li s-socjeta' attrici baqghet ghaddejja bl-inkarigu taghha u hadmet fuq il-proposals u feedback li rceviet minghand is-socjeta' konvenuta u harget bil-proposals taghha. Il-kampanja publicitarja ma saritx u ghalhekk is-socjeta' konvenuta issa ma tridx thallas ghax-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici. Dan mhux ghaliex qed issostni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew ghaliex ma kienx tal-kwalita' pattwita izda sempliciment ghaliex il-kuncetti ma ntuzawx ghall-kampanji li kienu intizi ghalihom.

Jinghad ukoll li Eleazer Borg il-Financial Controller tas-socjeta' attrici kien baghat diversi e-mails lis-socjeta' konvenuta sabiex jipprovaw jaslu ghal transazzjoni u dan billi offra li johrog credit note fir-rigward tal-invoice numru 5703 li kienet titratta r-reklamar tal-prodott Vigne D'Or u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kienitx kuntenta basta pero' jhallsu l-pendenzi fir-rigward l-invoices l-ohra izda dan ma sehhx.

Karl Grech ukoll jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas lis-socjeta' attrici tax-xoghol li taghmel waqt li kienet qed tipprepara il-kuncetti u dan kif stqarr fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Frar 2015. Jghid li kien hemm agreement ad hoc pero' dan ma giex prezentat pero' giet esebita skambju ta' emails u m'hemm imkien miktub li l-offerta maghmula

mis-socjeta' attrici permezz tal-email datata 11 ta' Jannar 2012 ma kinitx qed tigi accettata.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta tramite x-xhud principali taghha V George Delicata tghid li l-materji li jirrigwardaw hlas kienu 'trivial matters'. Issa kulhadd jaf li fejn jidhlu kwistjonijiet ta' hlas zgur li m'humiex trivjali u dan ghaliex kulhadd irid jithallas ta' dak li jaghmel. Hadd mix-xhieda li resqet is-socjeta' konvenuta ma stqarr li effettivament kien baghat xi e-mail fejn ma accettawx il-proposta dwar il-hlas. Jghid biss V George Delicata li kieku kellhom ihalsu tal-proposals li ma uzaw qatt, ma kienux juzaw is-servizz tas-socjeta' attrici. Illi huwa minnu li s-socjeta' attrici ma esebietx kopja tax-xoghol li ghamlet pero' dan mhux kontestat li effettivament sar. L-uniku lanjanza li resqet is-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward ta' nuqqas ta' hlas hu li ma ghamlitx uzu mix-xoghol esegwit.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri.**

Skond l-**Art 993 tal-Kapitolu 16** –
*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*" (ara – **Depares noe vs O` Dea noe** – Appell - 25 ta` Gunju 1996).

L-**artikolu 966 (a) tal-Kap 16** jirrikjedi li sabiex kuntratt ikun jiswa, il-partijiet ikunu kapaci jikkuntrattaw. Kull persuna tista' tikkuntratta sakemm ma tkunx dikjarata inkapaci mill-ligi. Hu essenzjali li persuna li tikkuntratta jkollha l-uzu tar-raguni.

Il-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi,

kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Beacon vs Spiteri Staines**" jinghad hekk:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*"

Skond l-**Art 1002 tal-Kap 16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni (**Spiteri vs Borg** – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u **Borg vs Xuereb** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza '**Morana vs Spiteri et'**, il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola m'humiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din m'hijiex regola assoluta.

Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex jghattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk:

1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk

ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali.

2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l-provi orali m'humiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car.

3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att …

4. Il-principju "*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali …

Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq dawk il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** – Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili :–

Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :
1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;
2) Li fin-nuqqas, tigi applikata l-massima "*actore non probante reus absolvitur*".

(ara a propozitu sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001).

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghallkonvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)." (ara wkoll : **Bugeja vs Meilak** – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; **Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa** – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; **Farrugia vs Farrugia** – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza '**Ciantar vs Curmi noe'** kien precizat hekk:

"*... mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom*

*ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo."*

Illi s-socjeta' konvenuta qed tghid li minkejja li kien hemm l-email tal-11 ta' Jannar 2012 kien l-intendiment tas-socjeta' konvenuta li hija thallas biss un avolta li taghmel uzu mill-kreazzjoni tas-socjeta attrici. Ghalhekk minkejja dak li hemm provdut fl-e-mail, V George Delicata jghid li kien ghamilha cara mad-dirigenti tas-socjeta' attrici li ma kienx accetta dak propost fl-email tal-11 ta' Jannar 2012 u li ma kienx ser ihallas ghal haga li kienet bla uzu ghalih.

Din il-Qorti tirrileva illi fic-cirkostanzi lanqas ma jista' jinghad li kien hemm xi novazzjoni, u cioe' li intlaħaq ftehim gdid dwar xi aspett accessorju tal-obbligazzjoni, għaliex minn imkien ma jirrizulta li inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, u lanqas ma seħħet bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha. Fis-sustanza, f'cirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni originali tħalliet fis-seħħ.[1] Kemm hu hekk, il-fatt li kien hemm skambju ta' e-mails u inkontri bejn il-partijiet in segwitu tal-e-mail, ma jfissirx li b'hekk tkun saret novazzjoni, għaliex l-obbligazzjoni ewlenija (u cioe' li jipprovdu ix-xoghol) ma tkunx tneħħiet, imma għall-kuntrarju, l-inkontri u skambju ta' korrispondenza jippreżumu l-obbligazzjoni.

Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet cirkostanza jew ftehim gdid huwa ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni gdida minflok waħda oħra ta' qabilha. F'cirkostanza bħal din,allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni gdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim gdid dwar il-modalita' u ftehim tal-hlas u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim gdid. Infatti hadd mill-partijiet ma qal li kien hemm xi diskussjonijiet ohra dwar il-hlas

[1] P.A. **22.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Borā et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.142**)

kemm kellu jkun. Naturalment fin-nuqqas ta’ prova kon simili jirrizulta li effettivament is-socjeta’ attrici ghandha tithallas skond l-email taghha tal-11 ta’ Jannar 2012 u cioe’ is-somma ta’ sebgha mija u hamsin ewro (€750) ghal kull *concept* u stante li kien hemm erbgha, ghandha tithallas is-somma ta’ tlett elef, tmien mija u hamsa u tletin ewro (€3,835) ghal dawn il-*concepts* kif spjegati fl-affidavit ta’ Roderick Muscat Monsigneur a fol. 14 u 15 tal-atti u fl-affidavit ta’ Eleazer Borg a fol. 22 tal-process.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u tilqa’ t-talba attrici b’dan illi qed tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett elef, tmien mija u hamsa u tletin ewro (€3,835).**

**Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta u l-imghax jibda’ jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**